

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2010 — Verheyden vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża F-54/10)

(2010/C 246/75)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Luc Verheyden (Angera, L-Italja) (rappreżentant: E. Boigelot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent intiża sabiex jikseb l-istess trattament mogħti lir-rikorrenti fil-Kawża F-5/05 u F-7/05.

**Talbiet tar-rikorrent**

— Tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba mressqa mir-rikorrent fis-16 ta' Lulju 2009;

— Tannulla,sa fejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni espliċita ta' ċaħda tal-ilment imressaq mir-rikorrent fit-28 ta' Diċembru 2009, mogħtija fid-29 ta' Marzu 2010;

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ħlas tas-somma ta' EUR 3 000 għall-kumpens;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2010 — Moschonaki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-55/10)

(2010/C 246/76)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Chrysanthe Moschonaki (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Lhoëst)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta li tieħu inkunsiderazzjoni l-kandidatura tar-rikorrenti għal pożizzjoni ta' assistent biblijotekarju u l-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallasha somma għall-kumpens għad-danni materjali u morali

**Talbiet tar-rikorrenti**

— Tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-30 ta' Settembru 2009, li biha hija rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-kandidatura tar-rikorrenti wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' pożizzjoni vakanti COM/2009/1379 għall-pożizzjoni ta' assistent biblijotekarju fi ħdan id-DGT.D.3;

— Sa fejn huwa neċessarju, tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-31 ta' Marzu 2010, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti fit-28 ta' Diċembru 2009 skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

— Tagħti r-rikorrenti kumpens ta' EUR 30 000 għad-danni materjali u morali li hija subit;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2010 — Hecq vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-56/10)

(2010/C 246/77)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: André Hecq (Chaumont-Gistoux, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad ir-rimbors sħiħ ta' ċerti spejjeż u drittijiet mediċi.